Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

Data tal-laqgħa: 23 ta` Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier (wasal fil-4.55pm)
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` ippropona lill-Kunsill li qabel tibda l-laqgħa, jagħmlu minuta silenzju fl-okkażjoni tal-qtil brutali tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill unanimament qabel.

## 41.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

41.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 40

41.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

41.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 41.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

41.3.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill lit-talba biex jinbidel il-*main* tal-ilma tal-Gvern ta` Triq Idmejda għaddha għand il-WSC u s`issa għad m`hemmx risposta.

41.3.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta` se ssir nhar il-Ħamis, 16 ta` Novembru 2017 fid-9.30am. F`din il-laqgħa se tiġi diskussa l-problema tal-għalqa ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina u l-idea li jinbena ċint madwar parti mill-għalqa, tingħalaq b`*barrier*, u tiġi offruta bħala parkeġġ għar-residenti.

## 41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

41.4.1.1 Is-Sindku xtaq jiddiskuti l-problema ta` nuqqas ta` fondi għall-Ħarġiet Anzjani. Hekk kif infurma il-Kunsillier inkarigat mill-Ħarġiet għall-Anzjani, Desmond Zammit Marmara`, f`*email* mibgħuta ftit tal-ġranet ilu biex jitlob għal aktar fondi peress li l-ammont stabbilit fil-bidu tas-sena ta` €1,200 intefaq kollu u qiegħed f`defiċit ta` €800.20c. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qed jitlob li jiġi allokat aktar fondi biex ikopri dan id-defiċit, kif ukoll ikun jista` jorganizza l-ħarġiet ta` Novembru u Diċembru.

41.4.1.2 Is-Sindku ppropona li l-attivita` tal-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju, li qed jiġi ppjanat li tiġi tiswa bejn €2,500 u €3,000 ssir fuq skala iżgħar sabiex il-fondi ffrankati jkunu jistgħu jintefqu għall-Ħarġiet għall-Anzjani.

41.4.1.3 Wara li kien hemm diskussjoni, il-membri preżenti kollha qablu li l-allokazzjoni għal din is-sena għal Ħarġiet għall-Anzjani tiżdied b`€1,600. Din se tkopri l-€800.20c defiċit u l-kumplament se jintefqu għaż-żewġ ħarġiet li baqa` sal-aħħar tas-sena. Kien hemm qbil ukoll bejn il-membri kollha preżenti, li l-attivita` tal-Inawgurazzjoni tal-uffiċċju ssir kif kien qed jiġi ppjanat. Is-SE se tikkonsulta mal-*accountant* tal-Kunsill biex jiġi deċiż minn fejn ser jitnaqqsu dawn il-fondi.

F`dan il-ħin (4.55pm) daħal il-Kunsillier Daniel Muscat għall-laqgħa.

41.4.2 Is-Sindku infurma talab lis-SE biex tinfurma lill-ELC Ltd sabiex jitneħħew il-pjanti li hemm imħawwla fuq il-bankina fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-fikus, biex aktar `il quddiem ikun jista` jibda l-proġett tal- e*mbellishment.*

41.4.3.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill nhar il-Ġimgħa 20 ta` Ottubru 2017 kellu laqgħa mal-Eċċellenza Tagħha, l-

President ta` Malta u mas-Sur Peter Busuttil, dwar attivita` ġewwa l-Belt Valletta, li ser tittella` b`risq il-MCCF bejn l-1 u t-3 ta` Diċembru 2017, fejn qed jiġu mistiedna l-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw f`din l-attivita`.

41.4.3.2 Se jiġi ċċekkjat kemm hawn kantanti Balzanin interessati li jieħdu sehem billi jkantaw volontarjament f`din l-attivita`.

41.4.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li nhar is-Sibt 30 ta` Settembru 2017, attenda għall-Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġew diskussi fost l-oħrajn suġġetti bħas-Separazzjoni tal-Iskart, Infurzar u l-bidla f`diversi liġijiet li jolqtu direttament lill-Kunsilli Lokali.

41.4.5 Il-Kunsillier Joe Galea issuġġerixxa li jitneħħa l-*Bring-in-Site* li hemm f`Wesgħa Profs. Guza Aquilina għax kontinwament qed jintrema skart speċjalment dak goff madwar il-*bins*. Il-kumplament tal-Kunsilliera ma qablux ma` dan is-suġġeriment.

## 41.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

41.5.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li resident li joqgħod fejn iż-żewġ siġriet fil-Wied ta` Ħal Balzan qed jitlob li tiġi installata bozza ġdida għax qed ikun hemm ħafna dlam. Is-SE infurmat lill-Kunsill lir-raġuni li qed ikun hemm id-dlam hi li ftit tax-xhur ilu temporanjament tneħħiet bozza minn faċċata peress li qed isir xogħol ta` kostruzzjoni. Din il-bozza għandha terġgħa teħel wara li jitlesta l-iżvilupp. Għalhekk, din it-talba ma ġietx milqugħa.

41.5.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` infurma lill-Kunsill li resident, is-Sur Noel Borg, ilmenta miegħu li mhux qed ikun hemm uniformita` dwar kif jingħataw iċ-ċitazzjonijiet mill-pulizija. Dan l-ilment se jgħaddi għall-attenzjoni tal-pulizija.

41.5.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` reġgħasemma il-problema ta` *double parking* fejn l-iskola ta` San Alwiġi. Is-SE infurmat lll-Kunsill li l-gwardjani lokali infurmati b`din il-problema u qed isir infurzar kuljum.

41.5.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Joe Galea, lis-Sindku u lill-ħaddiema tal-Kunsill talli b`mod immedjat ħadu azzjoni biex tiġi rranġata l-bankina f`Wesgħa Profs. Ġuze Aquilina.

41.5.5 Il-Kunsillier Joe Galea qed jitlob li jitneħħew immedjatament dawk l-i*structures* tal-ħadid li ntużaw fl-attivita` *Balzan Arts and Music Festival 2017* mill-bandli għax qed jitilgħu t-tfal fuqhom b`konsegwenza li jweġġgħa xi ħadd. Il-Kunsillier Daniel Muscat ser jinfurma lill-istudenti biex jitneħħew mill-aktar fis.

41.5.6 Il-Kunsillier Joe Galea talab lill-Kunsill biex jiġu stabbiliti kriterji dwar lil min għandhom jintbgħatu fjuri waqt xi funeral. Ġie deċiż li fjuri jintbagħtu fuq diskrezzjoni tas-Sindku.

41.5.7 Il-Kunsillier Joe Galea dwar il-problema li xi residenti kif ukoll il-Kunsill mhux qed isibu koperazzjoni mill-pulizija. Ser tintbgħat ittra lill-Kummissarju u lis-Supretendent Anthony Cassar dwar din il-problema u dwar l-ilment tas-Sur Noel Borg li ssemma qabel.

41.5.8 Il-Kunsillier Joe Galea fakkar lill-Kunsill li l-kera tal-garaxx se tagħlaq fl-aħħar ta` Novembru. Il-Kunsill qabel li terġgħa tiġġedded il-kera tal-garaxx fi Triq it-Tliet Knejjes għal sitt (6) xhur oħra.

41.5.9 Dwar il-problema tal-pjazza, fejn niżlet parti mit-triq quddiem il-*bus shelter,* il-Viċi Sindku Andre` Grech se jkellem lill-Perit Anthony Bezzina u lill-PPCD biex jiġi ċċekkjat kif tista` tiġi rranġata minħabba l-garanzija.

41.5.10 Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa tar-Reġjun Ċentru ġiet diskussa l-problema li residenti joħorġu l-boroż tal-iskart f`ħinijiet li mhux permess, li kull lokalita` qed tħabbat wiċċa magħha, fejn ir-Reġjun qed jaħdem fuq *bye-law* fuq din il-problema.

F`dan il-ħin (5.45pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.50pm.

## 41.6 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2017

41.6.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tliet xhur minn Lulju sa Settembru 2017(anness).

41.6.2 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

## 41.7 Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid

41.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta` Malta, laqgħet l-istedina tal-Kunsill biex tinawgura l-uffiċċju l-ġdid nhar il-Ħamis, 7 ta` Diċembru 2017.

41.7.2 Is-Segretarja tal-President talbet lill-Kunsill biex nibgħatu l-programm, u informazzjoni tal-attivita` biex l-Eċċellenza Tagħha tkun tista` tagħmel id-diskors. L-informazzjoni mitluba ser tintbagħat hekk kif jiġi ffinalizzat il-programm.

41.7.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li, peress li l-President ta` Malta toqgħod Ħal Balzan, dakinhar tal-Inawgurazzjoni, tingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan. Is-SE ser tiċċekkja mas-Segretarja tal-President jekk dan hux permess skond il-protokoll.

## 41.8 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

41.8.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bit-talba tal-Perit Anthony Fenech Vella f`isem l-applikant, għall-approvazzjoni tal-Kunsill għal żvilupp fi Triq il-Kannizzata, fejn qed jiġi propost li jinbena garaxx (PA/7258/17). Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp. Il-Perit Anthony Fenech Vella għandu jindika l-modifiki meħtieġa fil-*parking bays* ta` quddiem l-iżvilupp propost sabiex dan l-uffiċċju japplika ma` Transport Malta għat-tneħħija tal- *parking bays* indikati.

41.8.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-Sinjura Janella Camilleri qed titlob rifużjoni tad-depożitu fuq 19, Triq Idmejda għax ix-xogħol tlesta. Minn spezzjoni li saret ġie nnutat li kien hemm xi modifiki fil-parti fejn ma hemmx bankina. Il-Kunsill qabel li biex jingħata d-depożitu lura, dik il-parti għadha, jew tiġi rranġata kif kienet qabel ma sar ix-xogħol, jew tiġi nvellata mal-kumplament tal-bankina. Is-sid ser tiġi nfurmata b`din id-deċiżjoni.

41.8.3 Is-Sinjura Janella Camilleri qed titlob ukoll li Triq Idmejda (il-parti ta` fejn Villa Madama) għandha terġa` tiġi 'Residents` only parking`. Ġie nnutat li, Transport Malta mhux qed joħorġu permessi ġodda għal *Residential Parking Scheme* sakemm jirrevedu l-*policy*.

41.8.4 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 81/2017 – Laqgħa tas-Sindki li se ssir fil-15 u 16 ta` Diċembru 2017 f`Għawdex. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-*Minority Leader* ma jistgħux jattendu peress li jinsabu mpenjati f`dawn il-ġranet viċin il-festi tal-Milied. Is-Sindku qal li din il-laqgħa kellha ssir fis-17 u 18 ta` Novembru, fejn is-Sindku kien diġa` ikkommetta ruħu li jattendi. Is-Sindku talab lis-SE tiċċekkja mal-AKL jekk hux possibbli li jinbdlu l-ġranet tal-Laqgħa.

41.8.5 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tal-AKL għal Ċirkulari 36/2017 – Talba għall-Ġemellaġġ mal-villaġġ ta` Coye-la-Forêt fi Franza. Id-dikjarazzjoni mitluba qed tiġi ppreparata mill-Kunsillier Daniel Muscat.

41.8.6 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tal-GreenPak dwar il-kontenituri tal-Bring-in-Site imkissra, fejn dawn jiswew €250, VAT eskluż –il wieħed biex jinbidlu. Ġie deċiż li għalissa jinbidel il-kontenitur tal-ħġieġ biss u l-kontenitur tal-ħadid għalissa għandu jitneħħa. Il-metal jista` jintrema fil-borża l-griża / ħadra u jinħareġ kull nhar ta` Tlieta.

41.8.7 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-uffiċċju tal-Onor. Silvio Parnis fejn qed jitolbu għas-suġġerimenti fuq ir-Riforma fil-Kunsilli Lokali. Il-punti msemmija se jintbgħatu bħala suġġerimenti.

41.8.8 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn Green MT dwar l-inizjattiva Tetra għall-Istrina. Il-Kunsill mhux se jieħu sehem minħabba nuqqas ta` riżorsi.

41.8.9 Talba mingħand is-Sur Anthony Grech biex bħal kull sena l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tad-dawl tal-Milied fejn fi Triq L-Għerusija jsir it-tiżjin tal-Milied. Ġie nnutat li skond Ċirkulari 38/2016, il-Kunsill ma jistax jilqa` din it-talba. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li, jekk is-Sur Grech jaċċetta, l-attivita` tiġi orġanizzata mill-Kunsill stess bil-kollaborazzjoni tas-Sur Grech, biex din l-inizzjattiva li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar snin, ma tispiċċax.

41.8.10 Is-SE infurmat lill-Kunsill li bħas-snin ta` qabel, l-iSkola Sekondarja Kulleġġ Santa Tereża Imrieħel qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex iħallas l-ispejjeż ta` gwardjan lokali biex jidderieġi l-*Fun Run.* Din it-talba ma ġietx milqugħa għax skond Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta` għaqdiet li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fit-2 ta` Novembru 2016, Kunsilli Lokali huma pprojbiti biex jużaw il-fondi pubbliċi għal finanzjament ta` Għaqdiet fil-bliet u l-irħula.

41.8.11 Ġiet innutata *email* fejn qed tintalab l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali biex jerġgħu jieħdu sehem fil-*Malta Cleanup* li se ssir fit-22 ta` April 2018. Il-Kunsill unanimament qabel li jerġa` jieħu sehem f`din l-attivita`.

41.8.12 Ġiet innutata Ċirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta` proġetti utli għall-komunita` bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

41.8.13 Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Sorijiet tal-Bon Pastur fejn qed jgħaddu diversi suġġermenti fuq Triq Idmejda (il-parti ta` quddiem il-kunvent) fosthom li ssir *sleeping policeman, zebra crossing,* tiġi rranġata t-triq bit-*tarmac,* kif ukoll issir bankina ġdida fejn m`hemmx. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li japplika għal fondi ewropej biex il-proġett ta` tisbiħ tal-pjazza jiġi estiż għal toroq oħra, fejn Triq Idmejda ser tkun parti minn dan il-proġett.

## 41.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

41.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 11/17 li ġġib id-data tat-23 ta` Ottubru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €25,004.07.

41.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 41.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

41.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.55pm.

41.10.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 23 ta` Novembru 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 23 ta` Novembru 2017.

IFFIRMATA

Nut. Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv